MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 35/2003

**Louis Zammit**

**vs**

**Anthony Busuttil**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00), oltre l-VAT fuq l-istess somma, dovuti lilu bhala hlas ta' xoghol ta' demolizzjoni li sar mill-attur fil-fond numru 19/20 Pjazza l-Assunta, Zebbug, Ghawdex, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenut u dana skond kuntratt ta' appalt iffirmat bejn il-partijiet fl-ghoxrin (20) ta' Mejju, 2002 (Dok.A);

Intalab ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont u l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra l-verbal tal-24 t'April 2003, li biha l-attur irrinunzja ghat-talba rigwardanti l-VAT.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.

Sema' x-xhieda ta' Louis Zammit l-attur li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar it-talba ghall-VAT, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Marzu, 2003.

l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------